MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 903/2009

**Frank Borda Limited**
**(C - 446)**

**vs**

**Maria Bonnici**
**(I.D. 2856A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hdax-il Euro u tlieta u tmenin centezmi (€411.83), rapprezentanti import ta’ tmien (8) kambjali skaduti u mhux imhallsa (Dok. A).

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erba' mija u hdax-il Euro u tlieta u tmenin centezmi (€411.83), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------